# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025**

**Numru 10**

**Rikors Numru 68/2023**

**Andrew Sciberras, ID 347068M**
**Joanne Sciberras ID 153572M**
**vs**
**Charles Sammut**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Andrew u Joanne konjugi Sciberras (l-Atturi) tal-20 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi bejn is-sena 2021 u 2022 r-rikorrenti kienu ghaddew is-somma ta` elf u mitejn euro (€1,200) sabiex lill-intimat Sammut jbiegh sufan u soda lil rikorrenti; Dok A:

2. Illi xi ftit zmien wara l-intimat Sammut hajjar lil rikorrenti jixtru xi ghamara minghandu u fil-fatt r-rikorrenti ghaddewlu s-somma ta` erbgha telef u hamsa u sittin euro (€4265); Dok B;

3. Illi sussegwentament l-intimat hajjar lil rikorrenti sabiex jisliflu l-flus lilu sabiex flimkien jaghmlu negozju mieghu u ma xi persuni ta` nazzjonalita Taljani. Sabiex dan is-sehh l-atturi ghaddewlu somma ta ` flus sostanzjali ta hamsa u tmenin elf euro €85,000);

4. Illi maz-zmien pero l-atturi indunaw li l-intimat kien frodhom u dahaq bihom ghax la l-ghamara ma giet u lanqas kien hemm negozju;

5. Illi kull darba li l-atturi jitkellmu ma l-intimat, huwa jitlobhom il-flus u jipprova jerga jingannahom;

6. Illi konsegwenza ta` dan l-agir l-atturi sofrew danni;

7. Illi nonstante li l-intimat gie mitlub sabiex jirrifondi dawn is-somma lura huwa baqa` inadempjenti;

   Jghid ghalhekk l-intimati ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja;

   1) Tordna lill-intimat iregga lura kull somma ta` flus li giet moghtija lilu minn l-atturi u dan fiz-zmien qasir u perentorju;
   2) Tillikwida id-danni sofferti minn l-atturi per konsegwenza ta` l-agir illegali ta l-intimat jekk hemm bzonn b` opera ta `periti nominandi;
   3) Tikkundana lill-intimtat jhallas d-danni hekk kif likwidati;

      Bl-ispejjes inkluz dawk ta l-ittra ufficjali bin-numru 2976/22 u bl-interessi skond il-ligi kontra l-intimat ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Charles Sammut (il-konvenut) datata 9 ta' Ġunju 2023 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti u l-esponent kienu ha jidhlu f` negozju flimkien, m` huwiex assolutament korret dak li qeghdin jiddikjaraw r-rikorrenti u ghal dan l-intimat qieghed joggezzjona.

2. Illi fl-ewwel lok l-ammont li qieghed jigi mitlub mir-rikorrenti huwa ammont konsiderevoli, esagerat u mhux reali.

3. Illi mhuwiex assolutament minnu li l-esponent b` xi mod prova jidhaq bihom u dan stante li ghal diversi drabi l-intimat prova jiltaqgha mar-rikorrenti izda dawn kull darba kienu jhassru l- laqgha ta bejniethom.

   Salv eċċezzjonijet ulterjuri permessi mil-liġi spettanti għall-esponent.

   Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispjejjez kontra taghhom.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Fatti tal-Kawża**

Mingħajr ħtieġa li din il-Qorti toqgħod issemmi l-fatti fid-dettal, in suċċint jista' jingħad li l-Atturi taw lill-konvenut ammonti diversi ta' flejjes. Dawn il-flejjes in parti kienu prezz ta' sufan u sodda, flus mislufa lill-konvenut għax-xogħol tiegħu u flejjes biex ikunu investiti f'negozju fi Sqallija. Il-konvenut, wara li kien ilu jieħu l-flus mingħand l-Atturi, irrikonoxxa anke fi skrittura li għandu jagħti lill-Atturi s-somma ta' €85,000 (a' fol 44).

Għalkemm l-Atturi kemm -il darba talbu lill-konvenut jgħaddi għall-ħlas, dan qatt ma għamlu ħlief darba f'Lulju 2022 meta ħallas elf ewro (€1,000e) (a' fol 42).

Għalhekk l-Atturi kellhom jagħmlu din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi.**

Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi".*

Issa l-atturi qegħdin jimputaw il-male fede lill-konvenut u għad-dirittura jallegaw li frodahom.

**Konsiderazzjonijiet**

Minkejja li fir-risposta ġuramentata huwa jirrisipinġi kull addebitu li qegħdin jagħmlulu l-Atturi, tul il-Kawża huwa l-anqas il-minimu ta' prova dwar dak li jgħid ma' ressaq.

Huwa minnu li għalkemm fil-kamp ċivili l-grad tal-prova rikjest huwa inqas minn dak fil-kamp kriminali, iżda f'każ fejn hemm allegazzjoni ta' frodi, min jallega l-frodi għandu jġib prova skjaċċanti u mhux ibbażata fuq preżunzjonijiet. (Ara **Sentenza tad-19 ta' Ġunju, 2006 Appell Ċivili, fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs. David Curmi**).

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda mressqa mill-Atturi u ssib li dak li jgħidu għandu mill-verita'. Huwa ċar li l-konvenut ħa vantaġġ mill-inġenwinita' tal-Atturi. Kien jillusinġihom u jwegħdhom vantaġġi ta' natura monitarja, meta kien jaf li kien qiegħed iwiegħed kastelli fl-arja.

Fis-Sentenza **fl-ismijiet Edward Enriquez et -vs- Avukat Dr. Anthony Farrugia "senior" et tat-12 ta' Ottubru 1995** intqal hekk a propositu ta' aġir frawdolenti :-

"*Il-Qorti tifhem li fejn jirriżulta aġir skorett li juri 'mala fides' ma għandhiex tħalli lil min jaħti għal dan l-aġir jieħu vantaġġ mill-'mala fides' tiegħu. Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju ġuridiku ma għandu immunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit".*

Li l-konvenut mexa b'mod frawdolenti ma hemm ebda dubbju fil-każ tal-lum tant li anke l-Pulizja jridu li jiġu inizjati proċeduri kriminali kontra l-konvenut, magħruf mal-Pulizija bħala il-"*midget*", għal frodi u misappropjazzjoni (Ara xhieda tas-Supretendent Hubert Cini a' fol 115 tergo).

Għalhekk il-Qorti, wara li fliet sewwa d-dokumenti esebiti, mingħajr esitazzjoni ssib li l-konvenut aġixxa fil-konfront tal-Atturi in pjena mala fede u li għalhekk irid iħallas lura l-ammont ta' €85.000, meno l-elf ewro (€1000) fuq imsemmi li laħaq ħallas. Dan irid isir bl-imgħaxijiet legali, kwantu għall-ammont ta' €53,265 mill-25 ta' Awwissu 2022 (ara notifika tal-ittra uffiċjali a' fol 6 tergo) u fuq l-ammont ta' €31,000 mid-data tal-presentata ta' dan ir-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv.

Pero' l-Atturi qegħdin jitolbu ukoll il-ħlas tad-danni. Iżda kif inhu paċifikament rikonoxxut mill-Qrati tagħna, minn jallega d-danni jrid jipprovahom (Ara **Sentenza tad-9 ta' Novembru, 2005 Appell Ċivili fl-ismijiet Sue Bartolo -vs- Antoine Vassallo**).

Mill-atti b'ebda mod ma jirriżulta, li l-Atturi sofrew xi danni. Huwa minnu li l-Attriċi tgħid li minħabba l-aġir tal-konvenut qabditha *depression*, iżda dan waħdu ma hux biżżejjed. Għalhekk it-talbiet f'dan ir-rigward ser ikunu miċħuda.

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** b'dan li l-ammont li għandu jkun mħallas lill-Atturi huwa dak ta' erbgħa u tmenin elf, mitejn u ħamsa u sittin ewro

(€84,265) bl-imgħaxijiet kif indikati f'din is-Sentenza u li għal kull buon fini qed tikkundanna lill-konvenut biex jagħmel dan il-ħlas.

**Tiċħad it-tieni u t-tielet** talbiet.

**Spejjes għall-konvenut**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**